# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-18 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru : 212/2021 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**NB**

**Vs**

**MS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' NB datat 27 ta' Mejju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1) *Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom f'Malta fis-27 ta' Settembru tas-sena 1991 kif jidher mic-certifikat taz-zwieg originali hawn anness u mmarkat Dok A u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal;*

2) *Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat nhar is-16 ta' April tas-sena 2021 fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi liema kuntratt qieghed hwan anness u mmarkat Dok B;*

3) *Illi l-kontendenti ilhom jghixu mhux flimkien minn Novembru tas-sena 2014 kif iddikjarat minnhom fl-imsemmi kuntratt u ghalhekk ghal aktar minn erba' snin u ma kien hemm l-ebda riunjoni minn dak iz-zmien s'issa;*

4) *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

5) *Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovut mill-esponent ghal uliedu minuri;*

6) *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;*

7) *Illi l-affidavit tal-esponent qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok C.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub  fl-imsemmi artikolu 66C.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MS, datata 22 ta' Gunju 2021, a fol 17 li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti taqbel illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti nutar Dottor Clinton Bellizzi data 16 ta' April 2021;*

2. *Illi l-esponenti tikkontendi ukoll illi huwa minnu li l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin separati de facto, kif ukoll li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni;*

3. *Illi effettivament, l-esponenti taqbel ukoll illi l-manteniment huwa regolat bil-kuntratt kif ukoll li bhala stat ta' fatt m'hemmx arretrati dwar l-istess;*

4. *Illi madankollu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad li ghad hemm obbligi naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni fuq indikat illi r-rikorrenti ghadu m'onorax. Bizzejjed jinghad illi huwa ghadu qieghed ikaxkar saqajh sabiex ihallas is-somma ta' tmintax il-elf ewro illi hija dovuta lill-esponenti bhala*

*ekwiparazzjoni ta' sehmha mill-komunjoni tal-akkwisti;*

5. *Illi finalment, l-esponent jopponi ghall-ispejjez kollha tal-procedura odjerni.*

*Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju.*

Rat illi nhar it-28 ta' Novembru 2022, l-avukat difenur tal-intimata ddikjarat illi l-pendenzi kollha li kien hemm bejn il-kontendneti gew saldati ghaldaqstant hija rtirat l-eccezzjoni numru 4 fir-risposta taghha (vide fol 28);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**NB xehed** (vide affidavit Dok C, fol 13) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-27 ta' Settembru 1991 u li minn dan iz-zwieg kellhom tlett ulied. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw de facto f'Novembru 2014, waqt li sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 16 ta' April 2021, fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**MS xehdet** (vide affidavit fol 30) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed l-attur, wara li gie dikjarat illi l-pendenzi bejn il-partijiet gew saldati fil-mori tal-kawza.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu***

***separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Ottubru 1996, liema zwieg jgib certifikat numru 1814/1991 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi nhar is-16 ta' April 2021 (vide fol 4 et seqq.). Di piu', il-partijiet ilhom jgixu separatament minn xulxin sa mis-sena 2014. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt li r-raba' eccezzjoni tal-intimata giet rtirata wara li gie dikjarat illi l-pendenzi bejn il-partijiet gew saldati fil-mori tal-kawza.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1814/1991 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**